

---

EBA/GL/2017/08

---

12/09/2017

---

## Linji Gwida

dwar il-kriterji dwar kif jiġi stipulat l-ammont monetarju minimu tal-assigurazzjoni ta' indennizz professionali jew garanzija komparabbi oħra skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovd l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifika lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 13.11.2017. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifikasi għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2017/08'. In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifikasi ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw kriterji u indikaturi dwar kif jiġi stipulat l-ammont monetarju minimu tal-assigurazzjoni ta' indennizz professionali (PII) jew garanzija komparabbi oħra li għandhom jinżammu mill-imprizzi li japplikaw għal:
  - i. awtorizzazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' pagament skont il-punt (7) tal-Anness I (servizzi ta' bidu ta' pagament, PIS) skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern (PSD2);
  - ii. regiżazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' pagament skont il-punt (8) tal-Anness I (servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, AIS) skont l-Artikolu 5(3) tal-PSD2;
  - iii. awtorizzazzjoni għall-provvediment taż-żewġ servizzi ta' pagament skont il-punt (7) u (8) tal-Anness I tal-PSD2.
6. Dawn il-linji gwida jistabbilixxu wkoll formula għall-kalkolu tal-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbi.

### Indirizzati

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (ii) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 b'referenza għall-PSD2.

### Definizzjonijiet

8. Sakemm mhux spċifikat mod ieħor, it-termini li ntużaw u ġew definiti fil-PSD2 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Imprizza	<p>Fornitur li japplika għal awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizzi ta' pagament kif imsemmi fil-punt (7) tal-Anness I għall-PSD2, jiġifieri sabiex jiprovdi servizzi ta' bidu ta' pagament (PIS).</p> <p>Fornitur li japplika għal regiżazzjoni sabiex jipprovdi servizzi ta' pagament kif imsemmi fil-punt (8) tal-Anness I għall-PSD2, jiġifieri sabiex jiprovdi servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AIS).</p>
----------	--

	<p>Fornitur li japplika għal awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizzi ta' pagament kif imsemmi fil-punti (7) u (8) tal-Anness I għall-PSD2, jiġifieri sabiex jipprovdi servizzi ta' bidu ta' pagament (PIS) u servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AIS).</p>
--	--

## 3. Implementazzjoni

---

### Data ta' applikazzjoni

9. Dawn il-linji gwida japplikaw mit-13 ta' Jannar 2018.

## 4. Linji Gwida dwar il-kriterji ta' kif jiġi stipulat l-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbi oħra

---

### Linja Gwida 1: Assigurazzjoni ta' indennizz professionali u garanzija komparabbi

- 1.1 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw il-PII u garanzija komparabbi reċiprokament esklussivi u jenħtieġ li jitkolbu lill-impriżi li japplikaw għal awtorizzazzjoni jew regiſtrazzjoni biex iżommu l-PII jew il-garanzija komparabbi.
- 1.2 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-PII jew il-garanzija komparabbi miżmura mill-impriżi, għall-fini tal-Artikolu 5(2) u (3) tal-PSD2, ikopru l-obbligazzjonijiet tagħhom kif ġej:
  - (a) fil-każ ta' impriżi li japplikaw għal awtorizzazzjoni sabiex jipprovd PIS, l-obbligazzjonijiet speċifikati fl-Artikoli 73, 89, 90 u 92 tal-PSD2;
  - (b) fil-każ ta' impriżi li japplikaw għal regiſtrazzjoni sabiex jipprovd AIS, l-obbligazzjonijiet vis-à-vis il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jgħestixx l-kont (ASPSP) jew l-utent ta' servizzi ta' pagament li jirriżultaw minn aċċess mhux awtorizzat jew frodulenti għal jew użu mhux awtorizzat jew frodulenti tal-informazzjoni dwar il-kont ta' pagament;
  - (c) fil-każ ta' impriżi li japplikaw għal awtorizzazzjoni sabiex jipprovd PIS u AIS, l-obbligazzjonijiet imsemmija kemm fil-punt (a) kif ukoll fil-punt (b) ta' din il-Linjal Gwida.
- 1.3 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbi jkopru l-kostijiet u l-ispejjeż imġarrba mill-utenti ta' servizzi ta' pagament u l-ASPSPs li jitkolbu lill-impriżi jirrimborżaw telf li jirriżulta minn obbligazzjoni waħda jew aktar imsemmija fl-Artikolu 5(2) u (3) tal-PSD2.
- 1.4 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbi jippermettu lill-impriżi jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tagħhom b'mod effettiv b'rabta mal-attivitajiet tagħhom billi jivverifikaw li l-PII jew il-garanzija komparabbi ma jkollha l-ebda eċċess, li jista' jitnaqqas jew l-ebda livell limitu li jista' jippreġudika ħlasijiet lura li jirriżultaw mit-talbiet għal rimborż ta' utenti ta' servizzi ta' pagament u ta' ASPSPs, u li din tkun valida meta sseħħi l-obbligazzjoni.

1.5 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbli jkopru t-territorji li fihom l-impriżi joffru s-servizzi, irrispettivament mill-pajjiżi li fihom huma stabbiliti l-utenti tagħhom jew il-post li fih jiġu pprovduti s-servizzi.

## Linja Gwida 2: Kriterji u indikaturi

2. 1 Meta jistipulaw l-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbli li għandhom jinżammu mill-impriżi, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jużaw il-kriterji li ġejjin u l-indikaturi tagħhom:

- a. il-kriterju tal-profil tar-riskju:
  - i. il-valur ta' talbiet għal rimborż, għall-obbligazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(2) u (3) tal-PSD2, li tkun irċeviet l-impriża;
  - ii. in-numru ta' tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija minn impriża li tipprovdi PIS;
  - iii. in-numru ta' kontijiet ta' pagament li jiġu aċċessati minn impriża li tipprovdi AIS;
- b. il-kriterju tat-tip ta' attivitā;
  - i. jekk l-impriża tipprovdix esklussivament PIS jew AIS, jew it-tnejn li huma;
  - ii. jekk l-impriża tipprovdix servizzi ta' pagament oħrajn kif imsemmi fl-Anness I għall-PSD2;
  - iii. jekk l-impriża hijex involuta fin-negozju għajnejr is-servizzi ta' pagament;
- c. il-kriterju tad-daqs ta' attivitā;
  - i. għall-impriżi li jipprovdu PIS, il-valur tat-tranżazzjonijiet mibdija;
  - ii. għall-impriżi li jipprovdu AIS, in-numru ta' klijenti li jagħmlu użu mill-AIS;
- d. il-kriterju ta' garanzija komparabbli;
  - i. il-karatteristiċi spċċifici tal-garanzija komparabbli;
  - ii. skattaturi għall-implimentazzjoni tal-garanzija komparabbli.

## Linja Gwida 3: Formula

- 3.1 Sabiex jikkalkulaw l-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbi li għandhom jinżammu mill-impriżi, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jużaw il-formula li ġejja:

$$\begin{array}{l}
 \text{L-ammont} \\
 \text{monetarju minimu} \\
 \text{tal-PII} \\
 \text{jew garanzija} \\
 \text{komparabbi}
 \end{array}
 = 
 \begin{array}{l}
 \text{Ammont li} \\
 \text{jirrifletti l-kriterju} \\
 \text{tal-profil tar-} \\
 \text{riskju}
 \end{array}
 + 
 \begin{array}{l}
 \text{Ammont li} \\
 \text{jirrifletti l-kriterju} \\
 \text{tat-tip ta' attivitā}
 \end{array}
 + 
 \begin{array}{l}
 \text{Ammont li jirrifletti} \\
 \text{l-kriterju tad-daqs} \\
 \text{ta' attivitā}
 \end{array}$$

- 3.2 Sabiex jikkalkulaw l-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbi, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jimlew l-indikaturi taħt kull kriterju bil-valuri rilevanti kif speċifikat fil-Linji Gwida 5 sa 7, huma jenħtieġ li jikkalkulaw l-ammont li jirrifletti kull kriterju separatament billi jgħoddu l-ammonti li jirriflettu l-indikaturi u jenħtieġ li jużaw l-ammonti li jirriżultaw fil-formula.
- 3.3 Il-valuri f'dawn il-Linji Gwida huma espressi f'euro. Fl-Istati Membri fejn il-munita uffiċjali mhijiex l-euro, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkonvertu l-ammonti li jirriflettu l-kriterji fil-munita nazzjonali ekwivalenti.
- 3.4 L-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbi kkalkulati mill-awtoritajiet kompetenti, u b'implikazzjoni wkoll mill-impriżi li japplikaw għal awtorizzazzjoni jew regiżazzjoni, jenħtieġ li jiġu espressi bħala ċifra fis-sena.

## Linja Gwida 4: Pubblikazzjoni

- 4.1 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jagħmlu l-kriterji, l-indikaturi u l-formula disponibbi pubblikament fil-ġurisdizzjoni tagħhom, sabiex jippermettu lill-impriżi jikkalkulaw l-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbi qabel ma japplikaw għal awtorizzazzjoni jew regiżazzjoni.

## Linja Gwida 5: Kalkolu tal-kriterju tal-profil tar-riskju

### Valur ta' talbiet għal rimborż riċevuti

- 5.1 Meta jikkalkulaw il-valur tal-indikatur “talbiet għal rimborż riċevuti”, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jużaw il-valur aggregat tat-talbiet kollha għal rimborżi li jkunu saru mill-utenti ta' servizzi ta' pagament tal-impriżza u mill-ASPSPs, fit-12-il xahar kalendarju preċedenti, għat-telf li jirriżulta minn obbligazzjoni waħda jew aktar imsemmija fl-Artikolu 5(2) u (3) tal-PSD2.

- 5.2 Jekk fit-12-il xahar preċedenti ma tkun saret l-ebda talba għal rimborżi lill-impriżza, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu l-valur 0 għal dan l-indikatur fil-formula.
- 5.3 Għall-impriżza li fit-12-il xahar preċedenti ma offrew l-ebda servizz fi kwalunkwe ħin, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jużaw il-valur aggregat tat-talbiet kollha għal rimborżi imbassar mill-impriżza għall-fini tal-applikazzjoni tagħha għal awtorizzazzjoni/reġistrazzjoni.
- 5.4 Jekk l-impriżza ma tipprovd i-l-ebda tbassir relatat mat-talbiet għal rimborż, jew jekk l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-valur totali mbassar tat-talbiet għal rimborżi ikun inqas minn EUR 50 000, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu l-valur ta' 50 000 għal dan l-indikatur fil-formula.

#### **In-numru ta' tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija minn impriżza li jipprovdu PIS**

- 5.5 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkalkulaw il-valur tal-indikatur “numru ta' tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija” bħala s-somma tal-elementi li ġejjin, fejn  $N$  tirrappreżenta n-numru ta' tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija mill-impriżza fit-12-il xahar preċedenti:
- (a) 40 % tal-porzjon ta'  $N$  sa u li jinkludi 10 000 pagament mibdi;  
biż-żieda ta'
  - (b) 25 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn 10 000 pagament mibdi sa u li jinkludi 100 000 pagament mibdi;  
biż-żieda ta'
  - (c) 10 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn 100 000 pagament mibdi sa u li jinkludi miljun pagament mibdi;  
biż-żieda ta'
  - (d) 5 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn miljun pagament mibdi sa u li jinkludi 10 miljun pagament mibdi;  
biż-żieda ta'
  - (e) 0.025 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn 10 miljun pagament mibdi.
- 5.6 Għall-impriżza li fit-12-il xahar preċedenti ma offrew l-ebda servizz fi kwalunkwe ħin, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jużaw in-numru ta' tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija mbassar mill-impriżza għall-fini tal-applikazzjoni tagħha għal awtorizzazzjoni.

- 5.7 Jekk l-impriża ma tipprovdi l-ebda tbassir relatat man-numru ta' tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija, jew jekk l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tan-numru ta' tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija mbassar ikun inqas minn 50 000, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu l-valur ta' 50 000 għal dan l-indikatur fil-formula.

**In-numru ta' kontijiet ta' pagament li jiġu aċċessati minn impriżi li jipprovdu AIS**

- 5.8 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkalkulaw il-valur tal-indikatur “numru ta’ kontijiet ta’ pagament aċċessati” bħala s-somma tal-elementi li ġejjin, fejn  $N$  tirrappreżenta n-numru ta’ kontijiet ta’ pagament differenti aċċessati fit-12-il xahar preċedenti minn impriża li tipprovdi AIS:

(a) 40 % tal-porzjon ta’  $N$  sa u li jinkludi 10 000 kont aċċessati;

biż-żieda ta'

(b) 25 % tal-porzjon ta’  $N$  ‘il fuq minn 10 000 kont aċċessati sa u li jinkludi 100 000 kont aċċessati;

biż-żieda ta'

(c) 10 % tal-porzjon ta’  $N$  ‘il fuq minn 100 000 kont aċċessati sa u li jinkludi miljun kont aċċessati;

biż-żieda ta'

(d) 5 % tal-porzjon ta’  $N$  ‘il fuq minn miljun kont aċċessati sa u li jinkludi 10 miljun kont aċċessati;

biż-żieda ta'

(e) 0.025 % tal-porzjon ta’  $N$  ‘il fuq minn 10 miljun kont aċċessati.

- 5.9 Għall-impriżi li fit-12-il xahar preċedenti ma offrew l-ebda servizz fi kwalunkwe ħin, fejn ikun rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jużaw in-numru ta’ kontijiet ta’ pagament aċċessati mbassar mill-impriża għall-fini tal-applikazzjoni tagħha għal reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni, fejn rilevanti.

- 5.10 Jekk l-impriża ma tipprovdi l-ebda tbassir relatat man-numru ta’ kontijiet ta’ pagament aċċessati, jew jekk l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tan-numru ta’ kontijiet aċċessati mbassar ikun inqas minn 50 000, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu l-valur ta’ 50 000 għal dan l-indikatur fil-formula.

## Linja Gwida 6: Kalkolu tal-kriterju tat-tip ta' attività

- 6.1 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu l-valur 0 għal dan l-indikatur fil-formula għal dawk l-impriżi li japplikaw għal awtorizzazzjoni sabiex jipprovdu PIS biss.
- 6.2 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu l-valur 0 għal dan l-indikatur fil-formula għal dawk l-impriżi li japplikaw għal reġistrazzjoni sabiex jipprovdu AIS biss.
- 6.3 Jekk impriża tapplika għal awtorizzazzjoni sabiex tipprovdi kemm PIS kif ukoll AIS, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkalkulaw l-ammont monetarju minimu separatament għal kull servizz u jżidu l-ammont li jirriżultaw biex jiksbu l-ammont monetarju minimu li jkopri ż-żewġ servizzi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li l-arrangġamenti tal-PII jew ta' garanzija komparabbi jkopru l-provvediment kemm tal-PIS kif ukoll tal-AIS, li jirriflettu l-obbligazzjonijiet differenti msemmija fil-paragrafi (2) u (3), rispettivament, tal-Artikolu 5 tal-PSD2.
- 6.4 Jekk impriża tipprovdi xi servizz ta' pagament ieħor kif imsemmi fil-punti 1 sa 6 fl-Anness I għall-PSD2, b'mod parallel mal-PIS jew mal-AIS, jew it-tnejn li huma, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkalkulaw l-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbi għall-provvediment ta' PIS jew AIS, jew it-tnejn li huma, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti relatati mal-kalkolu ta' kapital inizjali skont l-Artikolu 7 tal-PSD2 u/jew fondi proprji skont l-Artikolu 9 tal-PSD2.
- 6.5 Jekk impriża tkun involuta wkoll fin-negożju barra milli tipprovdi servizzi ta' pagament kif imsemmi fl-Anness I għall-PSD2 (attivitajiet ta' servizzi mhux tal-pagament), l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jżidu fil-formula l-valur ta' 50 000 flimkien mal-valuri meħtieġa għat-tip ta' attività li l-impriża għandha l-ġħan li tipprovdi.
- 6.6 Madankollu, jekk impriża li tkun involuta f'attivitajiet oħrajn ta' servizzi mhux tal-pagament tista' tagħti prova li l-involviment tagħha ma għandux impatt fuq il-provvediment ta' PIS/AIS, jew minħabba li għandha garanzija li tkopri l-obbligazzjonijiet tagħha li jirriżultaw mill-attivitajiet l-oħrajn ta' servizzi mhux tal-pagament jew inkella minħabba li l-awtorità kompetenti tkun talbet l-istabbiliment ta' entità separata għan-negożju ta' servizzi ta' pagament, skont l-Artikolu 11(5) tal-PSD2, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu l-valur 0 fil-formula.

## Linja Gwida 7: Kalkolu tal-kriterju tad-daqs ta' attività

- 7.1 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkalkulaw l-ammont li jirrifletti l-kriterju tad-daqs ta' attività għal impriżza li tipprovdi PIS bħala s-somma tal-elementi li ġejjin, fejn  $N$  tirrapreżenta l-valur totali tat-tranżazzjonijiet kollha mibdija mill-impriżza fit-12-il xahar preċedenti:

- (a) 40 % tal-porzjon ta'  $N$  sa u li jinkludi EUR 500 000;  
biż-żieda ta'
- (b) 25 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn EUR 500 000 sa u li jinkludi miljun euro;  
biż-żieda ta'
- (c) 10 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn miljun euro sa u li jinkludi EUR 5 miljun;  
biż-żieda ta'
- (d) 5 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn EUR 5 miljun sa u li jinkludi EUR 10 miljun;  
biż-żieda ta'
- (e) 0.025 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn EUR 10 miljun.

- 7.2 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkalkulaw l-ammont li jirrifletti l-kriterju tad-daqs ta' attivitā għal impriċa li tippordi AIS bħala s-somma tal-elementi li ġejjin, fejn  $N$  tirrapreżenta n-numru ta' utenti tal-AIS (klijenti), fejn kull klijent li jkun għamel użu mill-AIS fit-12-il xahar preċedenti jitqies separatament:
- (a) 40 % tal-porzjon ta'  $N$  sa u li jinkludi 100 klijent;  
biż-żieda ta'
  - (b) 25 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn 100 klijent sa u li jinkludi 10 000 klijent;  
biż-żieda ta'
  - (c) 10 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn 10 000 klijent sa u li jinkludi 100 000 klijent;  
biż-żieda ta'
  - (d) 5 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn 100 000 klijent sa u li jinkludi miljun klijent;  
biż-żieda ta'
  - (e) 0.025 % tal-porzjon ta'  $N$  'il fuq minn miljun klijent.
- 7.3 Għall-impriżi li fit-12-il xahar preċedenti ma offrew l-ebda servizz, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jużaw il-valur tat-tranżazzjonijiet kollha mibdija fil-każ ta' impriċa li tippordi PIS, jew in-numru ta' klijenti, fil-każ ta' impriċa li tippordi AIS, imbassar mill-impriċa għall-fini tal-awtorizzazzjoni/reġistrazzjoni tagħha.

7.4 Jekk l-impriża ma tipprovdi l-ebda tbassir relatast mal-valur tat-tranżazzjonijiet kollha mibdija, fil-każ ta' impriża li tipprovdi PIS, jew relatast man-numru ta' klijenti, fil-każ ta' impriża li tipprovdi AIS, jew jekk l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-valur tat-tranżazzjonijiet kollha mibdija mbassar, fil-każ ta' impriża li tipprovdi PIS, jew tan-numru ta' klijenti, fil-każ ta' impriża li tipprovdi AIS, ikun inqas minn 50 000, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu l-valur ta' 50 000 għal dawn l-indikaturi fil-formula.

### **Linja Gwida 8: Kriterju ta' garanzija komparabbi**

8.1 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jitkolbu lill-impriżi jżommu l-PII jew garanzija komparabbi.

### **Linja Gwida 9: Rieżami**

9.1 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li l-impriżi jirrieżaminaw, u jekk ikun meħtieġ jikkalkulaw mill-ġdid, l-ammont monetarju minimu tal-PII jew garanzija komparabbi tagħhom, u li jagħmlu dan mill-inqas fuq bażi annwali.